MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MIRIAM HAYMAN

Seduta tal-5 ta' Gunju, 2014

Numru. 769/2011

**Il-Pulizija**

**Spettur Therese Sciberras**

**Supritendent Michael Mallia**

**VS**

**Mel Spiteri, imwieled Tal Pieta' nhar l-24 ta' Novembru, 1992, iben Victor u Nathalie nee' Pace, residenti fir-residenza numru 57, El Shaddai, Triq Franesco Buhagiar, Birkirkara, detentur tal-karta tal-identita' numru 559892M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra ‘l hawn fuq imsemmi **Mel Spiteri** li gie akkuzat talli:

- F’dawn il-Gzejjer, nhar is-26 ta’ Gunju, 2011 f’xi hin bejn l-ghaxra ta’ filghaxija u nofs il-lejl, waqt illi kien gewwa Bugibba, San Pawl il-Bahar, b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni, jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti, ikkunaga l-mewt ta’ Elizabeth Tucknutt Whilems (Ch 9 Article 225);

- U aktar talli fil-perjodu ta’ bejn is-26 ta’ Gunju, u s-27 ta’ Gunju, 2011, iddenunzja lill-pulizija ezekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq tracci ta’ reat b’mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dan ir-reat kien sar (Ch 9 Art 110(2);

- U aktar talli fl-istess jum, lok, u cirkostanzi, saq motor car jew vettura ohra, u cioe’ vettura bin-numru tar-registrazzjoni FTO050 minghajr licenzja tas-sewqan (Ch 65 Article 15(1)(a);

- U aktar talli fl-istess jum, hin, lok, u cirkostanzi, saq motor car jew vettura ohra b’nuqqas ta’ kont, bla hsieb, bi traskuragni, jew b’mod periklu (Ch 65 Article 15(1)(a)l

- U aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi meta t-triq kienet immarkata b’linji bojod paralleli jew bi studs matul il-wisa’ taghha jew b’sinjali ohra biex juru spazju ghall-passagg ghall-uzu ta’ nies bil-pass, waqt li kien qieghed isuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni FTO050 waqt illi kien riesaq lejn passagg naqas li jimxi bil-mod u jekk kien hemm bzonn jieqaf (SL 65.11 Arikolu 89(1);

- U aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi, waqt illi kien qieghed isuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni FTO050 saq b'velocita' li eccediet il-limiti tal-velocita' bl-ibliet u l-irhula (SL 65.11 Artiklu 127);

- U aktar talli fl-istess jum, hin, lok, u cirkostanzi, waqt illi kien qieghed isuq vettura bil-mutur fit-toroq u cioe' l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni FTO050 ma kinx kopert b'polz tal-assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni (Ch 104 Article 3(1);

- U aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi, naqas milli jieqaf wara li kien involut f'incident li kien jinvolvi offiza fuq persuna ohra (SL 65.11 Artiklu 67(1).

Rat illi moqrija l-istess akkuzi, l-imputat wiegeb illi ma kinx hati tal-istess.

Rat ukoll illi aktar tard, fil-mori ta' dawn il-proceduri, intbaghtu minghand l-Avukat Generali l-Artikoli li taghhom u a bazi taghhom, hemm mahsub li tista' tinstab htija, u cioe':

a. Fl-Artikolu 225 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b. Fl-Artikolu 110(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c. Fl-Artikoli 15(1)(a) u 15(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;
d. Fl-Artikolu 67(1)(5), 89(1) u 127 tal-Avviz Legali 65.11 tal-Ligijiet ta' Malta;
e. Fl-Artikolu 3(1)(1A)(1B)(2)(2A) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta;
f. Fl-Artikoli 17, 23, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghandu jigi wkoll rilevat, illi moqrija l-istess Artikoli, l-imputat ta l-kunsens tieghu ghal proceduri sommarji, folio 348.

Rat bir-reqqa in ezami ta' dawn l-akkuzi, il-provi kollha Lilha migjuba, nkluzi, barra dawk viva voce, dawk gia' migjuba fil-proces verbal ezebit a folio 89, u r-relazzjonijiet tal-esperti hemm mahtura.

Ikkkunsidrat:

Illi l-Qorti ser tibda b'dak illi qalu l-Ufficjali Nvestigaturi (fiz-zmien tal-incident in dezamina), u l-Uffijcali Prosekuturi fil-proceduri odjerni.

Ghalhekk l-**Ispettur Therese Sciberras**, qalet illi fis-26 ta' Gunju, 2011, gew infurmati fl-Ghassa tal-Qawra li kien hemm mara mejta gewwa l-Qawra, li kienet allegatament giet imtajra minn vettura li kienet baqhet sejra. Irrizultalha mill-investigazzjonijiet li din il-mara kienet hawn Malta fuq btala ma' zewgha - kienet certa Elizabeth Tucknett Wilhems ta' nazzjonalita' Ingliza, li kienet qieghda tirrisjedi fil-Qawra Palace Hotel.

Qalet illi l-gisem mejjet kien jinstab xi tmienja u tletin metru 'l boghod mill-allegat impatt quddiem il-vineyards li kien hemm fuq in-naha l-ohra tal-blokka tal-Qawra Palace Hotel. Qalet ukoll illi fuq il-post rat li mohh il-mejta kien hargilha minn rasha u kien jinstab metri 'l boghod mill-kadavru. Ziedet illi kien hemm ukoll "brain tissue" u "human tissue" fuq karozzi li kienu pparkjati, "tissue" li skondtha anke qabez il-karozzi pparkjati u spicca fuq il-bankina. Ziedet illi anke l-handbag taghha kien ukoll metri 'l boghod minn fejn kien instab mohh il-mejta.

Iddeskriviet illi Maurice – zewg il-mejta, kellu wkoll ammont ta' blood splatters fuq il-qmis tieghu. Ma kinx imwegga'. Qalet illi minhabba l-gravita' tal-incident gie mitkellem anke l-Magistrat tal-Ghassa li beda d-debita Inkjesta u gew skondtha nominati diversi esperti fosthom Dr Mario Scerri, il-Profs Marie Therese Camilleri, PS 239, PS 198, PC 1253, PS 1147 – kollha Scene of the Crime Officers;

Dr Vincent Ciliberti, Dr Steven Farrugia Sacco, Dr Marisa Cassar, Mr Joseph Zammit, u l-Ispizjar Mario Mifsud.

Ziedet illi aktar tard, dahlet informazzjoni gol-Control Room, fis-27 ta' Gunju, 2011, illi kien hemm vettura pparkjata fi Triq Erin Seracino Inglott li kienet tikkorrispondi ma' dik illi kienet tajret lill-mejta. Spjegat illi din il-vettura kellha ammont kbir ta' danni kif ser jirrizulta mir-relazzjoni tal-esperti nominati.

Minn investigazzjonijiet ulterjuri, irrizultalha li din il-vettura kienet tghajjat lil certu Victor Spiteri. Dan skondtha, mitkellem qal lill-pulizija li hu ma kien ta din il-vettura lil had. Zied dan illi kellu tifel li kien qieghed jattendi lezzjonijiet ta' gwida. Qalet illi tul l-investigazzjonijiet gew mitkellma varji nies – l-imputat, Elisa Panzavecchia, u certu Ryan.

Ezebiet ukoll certifikat tal-mewt a folio 246 bhala Dok TS tal-mejta Elizabeth Tucknett Wilhems, u l-PIRS report tal-incident bhala Dok TS1 a folio 247.

Minn naha tieghu, l-**<u>Ispettur Michael Mallia</u>** qal ukoll dwar ir-rapport ricevut mill-pulizija versu l-hdax ta' filghaxija (11.00pm) li kienet ittajret mara gewwa l-Qawra. Gie nfurmat b'dak li rrizulta fuq is-sit tal-incident. Qal illi l-pulizija anke rceviet informazzjoni dwar karozza bin-numru tar-registrazzjoni FTO050 li kienet tinstab mitluqa gewwa Triq Erin Seracino, fl-Iklin, fejn fil-fatt instabet din il-vettura mill-pulizija. Jghid ukoll illi gie mitkellem certu Victor Spiteri - sid din il-vettura. Aktar tard gie arrestat l-imputat li anke rrilaxxa stqarrija, moghti anke d-dritt ta' konsulenza legali, ezebita mill-istess Spettur a folio 305 bhala Dok MM3.

Fl-istqarrija tieghu ghalhekk, a tempo vergina tal-incident in dezamina, Mel Spiteri qal illi hu kien guvni, jghix ma' ommu u missieru, u li ma kellux karozzi hlief ghal wahda zarmata li kienet gewwa garaxx u ma setax isuqha. Lanqas ma kellu licenzja tas-sewqan, kien ghadu (dak iz-zmien) ma telax ghat-test relattiv. Zied illi kellu zewg numri tac-cellulari – wahda 99669591 u l-ohra 79845622.

Qal illi fis-sajf kien jghix fil-boathouse gewwa l-Qawra, mal-genituri tieghu.

Spjega dwar l-incident illi fid-9.00pm hareg mill-boathouse, mar Zigumar Bar and Restaurant bil-mixi, iltaqa' hemm mat-tfajla tieghu – certa Elisa, u Ryan habib tieghu u hbieb ohra. Kielu. Rega' mexa lejn il-boathouse, gab karozza, ghabba lill-habiba tieghu. Il-karozza kienet Mitsubishi ta' missieru, griza metallic bin-numru tar-registrazzjoni FTO050. Qal illi biex saqha ha c-cwievet minghand misiseru li skondtu kien rieqed fil-boathouse u ha c-cwievet minn gol-kexxun. Qal illi missieru baqa' rieqed. Qal illi missieru gieli halla c-cwievet imdendlin wara l-bieb ta' barra fuq in-naha ta' gewwa. Iz-Zigumar jghid illi xorob tliet Sambuca orange. Qal illi missieru ma kinx ihallieh isuq il-karozza.

Aktar tard fl-istqarrija qal illi li fil-verita' hu kien talab ic-cwievet lil missieru biex iwassal lit-tfajla Hal Lija. Missieru skondtu kien wiegbu "Hudhom u oqghod attent.". Qal illi dak il-hin missieru kien qieghed isajjar bil-boathouse u ommu kienet barra hdejn il-bieb. Qal issa li c-cwievet kienu mal-bieb. Qal ukoll illi gieli saq il-karozza meta jkun ma' missieru.

Qal illi mar ghal Elisa z-Zigumar u wara ddecidew li jmorru l-pjazza ta' Bugibba, saq lejn id-direzzjoni ta' Fra Ben. Qal illi waqt li kien qieghed isuq hargu grupp ta' nies minn wara l-karozzi biex jaqsmu t-triq. Jghid illi hu ma rahomx u laqat lil xi hadd minhom. Zied illi bil-fixla ma waqafx, baqa' ghaddej, waqaf hdejn ta' Fra Ben biex jigi f'tieghu, u ddecieda li jmur jahbi l-karozza.

Anzi *ad verbatim* jghid hekk:

"Bil-fixla jiena ma waqaftx u bqajt ghaddej u waqaft hdejn ta' Fra Ben biex nigi f'tieghi u waqt li kont qed nahseb, iddecidejt li mmur nahbi l-karozza x'imkien."

Qal illi hu nduna bin-nies li kienu qeghdin jaqsmu x'hin kien vicin taghhom, tant illi lanqas kellu cans izomm break. Qal illi kien qieghed isuq b'hamsin (50) jew sittin (60) kilometre fis-siegha, dan kien qieghed jghidu b'kalkulazzjoni tieghu.

Qal illi qabel l-incident kien saq xi sitt darbiet.

Ammetta li l-karozza sofriet xi danni li nstabu fuqha mill-pulizija.

Jghid illi la hu u lanqas Elisa ma sofrew ebda griehi.

Qal illi Elisa bdiet tibki u hu ma kinx sew bix-shock. Qal illi wassal lil Elisa d-dar, waqqafha hdejn il-Vodafone ta' Birkirkara u tefa' l-karozza l-Iklin. Jghid illi ma kinx jaf x'kien ser jghid lil missieru, pero iddecieda li jghidlu li serqulu l-karozza. Jghid illi kif wasal Birkirkara cempel lil Ryan, qallu bl-incidenjt, halla l-karozza hemm u nizel lura bil-mixi.

Qal li anke Ryan, meta Spiteri qallu li kien habat u tghajjar lil xi had, beda wkoll jippanikja. Mar ghalihom xi hadd li pero ma ftakarx min kien, u wassal lilu u lil Ryan lura.

Ammetta wkoll illi kien hu li kisser il-hgiega tat-tieqa tan-naha tax-xufier biex b'hekk jigi jidher li xi had kien seraq il-karozza.

Qal illi c-cwievet tal-karozza rega' poggiehom f'posthom. Dahal jorqod.

Qal illi missieru kien ircieva telefonata u li kien irrabjat, pero lilu ma kellmux. Innega li hu qatt mess droga.

Xehdu ghalhekk ix-xhieda okulari nvoluti jew ahjar assistenti ghall-incident stradali. Xehdu bl-Ingliz, anke wara li gie dikjarat illi l-imputat kien jifhem bil-lingwa Ngliza.

**<u>Maurice Wilhems</u>** xehed illi hu u martu, il-Hadd filghaxija ddecidew li jmorru lura lejn il-lukanda. Qal illi kien hemm karozzi pparkjati man-naha tal-bahar tal-Qawra. Qal illi waqfu, kien hemm karozzi gejjin minn naha ta' Bugibba. Jghid illi halla dawk il-karozzi jghaddu. Qal illi meta ra li ma kien hemm xejn izjed, huma bdew jaqsmu t-triq. Qal illi kienu waslu f'nofs ta' triq, jghid minn imkien "..*there was a burst of headlights.*" (folio 14).

Jghid illi kien circa l-hdax ta’ bil-lejl. Ghalkemm jammetti li kien id-dlam, zied ukoll illi l-post kien mixghul sew.

Qal illi darba li waslu f’nofs ta’ triq, ra “A pair of headlights.” (folio 14). Qal illi kien jaf Malta sew, li kien ilu jigi hawn ghal erbghin (40) sena. Zied illi l-vettura kienet gejja min naha tas-Salina. Qal illi qabel ma nduna x’gara sema’ “*Bum!*”. Qal illi hu haseb illi martu kienet qasmet it-triq. Qal illi lanqas biss ra l-karozza. Jghid “*It moved past me fast and when my wife was not stood there, I looked at the road and 30 40 metres up the road, she was lying on the ground.*” (folio 15).

Qal illi hu kien familjari mal-Qawra Palace minn meta fethet, tant illi kien ilu jigi l-Qawra Palace ghal dawn l-ahhar ghaxra(10) tnax(12)-il sena.

Qal, mistoqsi, illi fil-hin tal-incident huma kienu fit-triq tal-Qawra, li harsu lejn kull direzzjoni, illi kien hemm tlieta (3) jew erba’(4) karozzi li huma hallew jghaddu. Qal illi l-headlights gew fuqhom f’daqqa, illi martu kienet miexja “slightly in front of me” (folio 16). Ma kinx kapaci jaghraf il-karozza, il-kulur, il-marka. Qal illi “*When I looked and she was not there, I was surprised and I had not realised the car had hit her till I looked up the road and I saw a line in the road.*” (ibid)

Meta kienu qeghdin jaqsmu t-triq, qal illi martu kienet pass quddiemu.

Ikkonferma li kellu fuq spalltu titjir tad-demm, fuq hwejgu. Iddeskriva li l-vettura “*.....appaeared from nowhere.*” (folio 20).

In kontro ezami, qal illi t-triq kienet tnax(12) sa erbatax(14)-il pied wiesa’. Qal illi l-pedestrian crossing kienet mija u hamsin (150) metru ‘l boghod u l-ohra erbghin (40) metru ‘l boghod. Zied illi kien minhabba din id-distanza li huma ghazlu li ma juzawhomx, anke ghax qasmu minn quddiem l-istess lukanda. Wiegeb illi hu kellu tmienja u sebghin (78) sena, martu sebgha u sebghin (77). Qal illi matul il-gurnata, ghax it-triq kienet kun aktar “busy” kienu juzaw il-pedestrian crossing, pero tul il-lejl, wara d-disgha (9), it-triq kienet tkun kwieta.

Baqa' jinsisti li "*Suddenly, and I am repeating myself, out of nowhere, a pair of headlights hurdled down on us, as simple as that.*" (folio 24). Zied "*I was looking across and it happened so fast I still thought my wife was still ahead and passed the car. But when the car passed and she wasn't and I turned, I did not even see the car.*" (folio 24).

Baqa' nsistenti li "*I was in the middle of the road. My wife was a pace or so in front of me. So she was fully on that half of the road.*" (folio 23).

**Brian Joseph Mortimer**, minn naha tieghu jghid illi fil-lejl tal-incident hu kien bil-qieghda barra mill-lukanda, il-Qawra Palace Hotel. Jghid illi kienu bejn l-ghaxra u nofs (10.30) u l-hdax (11) ta' filghaxija.

Jghid illi karozzi kienu telghin u nezlin, xi whud bil-giri ohrajn le. Jitkellem hekk fuq wahda in partikolari "*.....but at this particular time, a car passed about 50 miles an hour and struck a person on the road and the lady got flipped on the car.*" (folio 78)

Zied illi din il-vettura kienet gejja mil-lemin ghax-xellug. Qal illi hu ra lil din il-mara "*somersaulted*", li ra ragel u mara jaqsmu t-triq, hi qablu. Zied illi l-impatt okkorra f'nofs ta' triq. Qal illi l-vettura kienet approssimament miexja b'hamsin (50) mil fis-siegha, baqghet issuq u li r-ragel prova jigbed lill-mara u li ra lill-mara toghla kutrunbajsa. Qal illi kkalkula li l-mara kienet gholiet xi ghoxrin (20) tletin (30) pied. Qal illi l-vettura qatt ma waqfet, u li hu seta' jara sew in-nies li kienu qeghdin jaqsmu, tant illi ftakar illi l-mara kienet liebda lbies abjad. Ikkonferma li kien hemm id-dawl kien "*poor*" (folio 34).

Ikkonferma li kemm dam bil-qieghda barra, hu ra traffiku tiela' u niezel. Mistoqsi mill-Qorti jekk hu semax il-karozzza qabel ma raha, wiegeb "*It just flew past……at top speed.*" (folio 38).

Dwar dak illi gie kkonstatat fl-incident, xehdu l-esperti nominati fl-Inkjesta.

Senjalament l-**<u>Espert Tekniku Vincent Ciliberti</u>** kkonkluda li:

"*Illi fil-hin tal-access mizmum, gie stabbilit illi l-gisem tas-Sinjura Elizabeth Tucknutt instab circa f'nofs it-triq, fil-kantuniera ta' Triq it-Turisti, distanza ta' tmienja u tletin metru (38m) 'il boghod minn fejn zewgha, is-Sur Maurice Wilhems iddikkjara li kienu qeghdin jaqsmu Triq il-Qawra.*

*Illi sussegwentement, l-ufficjali tal-pulizija llokaw il-vettura li kagunat l-incident, li nstabet abbandunata fi Triq Erin Seracino Inglott, fil-parti l-aktar wisa tat-triq.*

*Illi rrizulta li l-vettura li biha gie kagunat dan l-incident kienet tal-marka Mitsubishi, Mudell FTO, lewn gric metallic, bil-bonett hood lewn iswed, bin-numru tar-registrazzjoni FTO050.*" Vide Dok VC.

Ezebew ukoll ir-relazzjonijiet taghhom bhala SOCO PS 198 Arthur Debattista (folio 193 Dok AD); PC 1253 F Brincat (folio 221 Dok FB); PS 6 Duncan Demicoli (Dok DD folio 233).

Mario Buttigieg u Dr Martin Bajada, ezebew id-dokumenti Dok MM/MB – relazzjoni konguntiva.

Illi fil-fatt, Dr Martin Bajada kien eleva u ezamina CCTV recordings mill-istabbiliment The Vine Yard, dan gie mghoddi lil Mario Buttigieg li kkonkluda, wara li ezamina l-istess filmat:

"*Illi bil-metodu ta' searle jirrizulta li l-velocita' approssimattiva li biha kien ghaddej Mel Spiteri kienet ta' mhux aktar minn disgha u tmenin (89) kilometru fis-siegha;*

*Illi anke kif tixhed l-istess dinamika tal-incident, illi tidher mir-ritratti li ttiehdu a tempo vergine fl-Inkjesta mill-esperti ……jirrizulta li Mel*

*Spiteri kien qieghed isuq b'velocita' approssimattiva ta' aktar minn mitt (100) kilometru fis-siegha.*" (folio 330).

**PS 1147 Antoine Fenech** ezebixxa r-relazzjoni tieghu bhala Dok AF – turi din sensiela ta' ritratti tal-*locus* tal-incident, il-kadavru, u *human tissue* misjub.

**PS 239 Joseph Caruana** ezebixxa relazzjoni b'sensiela ta' ritratti, issa tal-vettura misjuba allegatament involuta fl-incident, Mitsubishi FTO 050 u tal-fond numru 51, Triq Tax-Xtut, Qawra.

Fir-relazzjoni tieghu, **Joseph Zammit** ikkonklukda hekk:

"

1. *Illi nhar is-26 ta' Gunju, 2011, ghall-habta tal-11 ta' bil-lejl, fi Triq il-Qawra, il-Qawra, limiti ta' San Pawl il-Bahar, fejn anzjana ta' 77 sena ta' nazzjonalita' Ngliza intlaqtet minn karozza u tilfet hajjitha fuq il-post u s-sewwieq tal-karozza harab minn fuq il-post;*
2. *Illi minn tfittxija ntensiva mill-pulizija ghall-karozza u s-sewwieq taghha, din il-karozza nstabet abbandunata fl-inhawi ta' H'Attard;*
3. *Illi l-karozza nvoluta jirrizulta li hija dik tal-marka Mitsubishi, mudel FTO bin-numru ta' registrazzjoni FTO050;*
4. *Illi din il-karozza nstabet bi hsarat estensivi fuq il-partijiet frontali l-aktar lejn il-lemin taghha;*
5. *Ili dawn il-hsarat huma kompatibbli ma' laqta' vjolenti ma' xi persuna;*
6. *Illi l-esponent jeskludi li l-hsara fuqha setghet giet ikkagunata ma' habta ma' xi vettura ohra;*
7. *Illi l-hsara li garrbet, ghalkemm meqjusa bhala estensiva, din il-hsara ghadha fi stat li tigi rrangata;*

8. *Illi ghalkemm bi hsara estensiva din il-karozza nstabet li ghadha tista' tintuza, u kollox funzjonabbli;*
9. *Illi ma nstab l-ebda difett f'xi sistema minn taghha bhal ma huma fl-steering jew tyresx, jew brake system u dawl;*
10. *Ghalhekk l-esponent jeskludi li dan l-incident gie kagunat minhabba xi hsara teknika li seta' ssuccieda qabel l-incident;*
11. *L-Espoent, flimkien ma' din ir-relazzjoni, qieghed jipprezenta sett ta' 7 ritratti li huwa stess gibed waqt l-access u l-ezamijiet tieghu fil-garage tax-Xjenza Forensika fid-Depot tal-Pulizija fejn il-karozza kienet tinsab ghall-ezamijiet in konnessjoni mal-incident imsemmi, li dawn l-esponent qed jezebiehom bhala Dok JZ1 sa Dok JZ7.*"

Minn naha tieghu **Dr Mario Scerri**, dwar il-griehi sofferti minn Elizabeth Wilhems, ikkonluda:

"*Wara li l-esponent acceda fuq il-loucs fejn kien hemm il-kadavru ta' Elizabeth Wilhems;*

*Illi wara li ghamel l-osservazzjonijiet tieghu fuq il-locus;*

*Illi wara li ezamina l-kadavru ta' Wilhems;*

*Illi wara li ezamina lil Mel Spiteri;*

*Illi wara li ezamina l-vettura li biha ntlaqtet Wilhems jikkonkludi:*

*Illi nhar is-26 ta' Gunju, 2011 fi Triq il-Kosta, l-Qawra, sehh incident fejn sfat imtajra u mejta Elizabeth Wilhems;*

*Illi l-vettura li tajret lil Elizabeth Wilhems ma kinitx fuq il-locus;*

*Illi jirrizulta li Elizabeth Wilhems kienet suggetta ghal impatt vjolenti tant illi garrbet fratturi tal-kranju u partijiet tal-mohh gew sparpaljati fit-triq u fuq karozza;*

*Illi parti mdaqqsa tal-mohh gie wkoll elevat mit-triq fuq il-locus;*

*Illi l-fratturi wkoll deskritti jindikaw is-severita' tal-impatt;*

*Illi jidher mid-debris illi l-kadavru ta' Elizabeth Wilhems spicca diversi metri 'l boghod mill-punt tal-impatt;*

*Illi l-lezjonijiet deskritti fuq l-estremitajiet inferjuri kienu rizultat ta' primary impact u dawn gew maghmulin meta l-bumper tan-naha tal-lemin tal-vettura bin-numru tar-registrazzjoni FTO050 laqat lil Elizabeth Wilhems;*

*Illi ma' dan il-primary impact Wilhems intefghet fuq in-naha tal-lemin tal-bonett u habtet rasha mal-windscreen u mas-saqaf tan-naha tal-lemin tal-karozza u wkoll mal-pilastru tal-lemin li jzomm il-windscreen;*

*Illi l-istess secondary impact kien tant vjolenti li l-pilastru wkoll safa' mghattan;*

*Illi essenzjalment Elizabeth Wilhems mietet mal-impatt;*

*Illi mill-evidenza ta' rigor mortis li ma kinx prezenti u minn nuqqas ta' hypostasis l-esponent hu tal-opinjoni li Wilhems kienet ilha li mietet inqas minn siegha u nofs mill-hin tal-ezami medikolegali;*

*Illi hypostasis ma ffurmax ukoll ghar-raguni li Elizabeth Wilhems tilfet hafna demm;*

*Illi l-kawza ta' mewt ta' Wilhems kienet relatata direttament mat-trawma vjolenti li giet suggetta ghaliha.*"

F'dan ir-rigward, il-**Patologista Profs Marie Therese Camilleri** kkonkludiet hekk:

"*The death of this elderly female is certified as being due to multiple injuries following a motor vehicle accident.*" (Dok MTC folio 278). Ara wkoll certifikat tal-mewt u l-kawza minnha rilaxxat a folio 246.

**Dr Steven Farrugia Sacco**, prezenta wkoll ir-relazzjoni estensiva tieghu, u l-analizi tac-cellulari elevati minn PS 90 Jeffrey Gerada (folio 313).

**Dr Marisa Cassar**, mahtura biex taghmel analizi minn fuq swabs ta' ticpis ahmar u hwejjeg kemm minn fuq ix-xena tal-incident, kif ukoll mill-fond Triq ix-Xtut, Qawra, ikkonkludiet illi mis-swabs mehuda mill-*locus* tal-incident, hareg profil ta' mara u mill-flokk elelvat mill-fond imsemmi gie elevat profil genetiku ta' ragel.

Issa jigi rilevat ukoll, illi fuq il-lok tal-incident marret it-**Tabiba Dr Louise Gatt**, illi xehdet li ccertifikat lil persuna – ghalina Elizabeth,

mejta u kkonfermat ghalhekk il-kontenut tad-dokument ezebit bhala Dok LG a folio 186.

Barra l-pulizija li marru fil-lok tal-incident fatali, xehdet ukoll certu **Elisa Panzavecchia**.

Jigi rilevat qabel ma jsir ezami tax-xhieda taghha, illi in vista’ li din kienet - waqt id-deposizzjoni, taht l-eta’, xehdet fil-presenza ta’ ommha.

Qalet illi dakinhar tal-incident harget ma’ Mel u shabhom Ryan, Jessica, u Ben, u marru z-Zigumar jieklu. Marru wara l-Pjazza ta’ Bugibba, hi u Mel bil-karozza ta’ missier Mel – Mitsubishi FTO griza. Mel kien qieghed isuq. Telqu minn naha tal-Qawra, minn naha tan-nizla tal-Fuego. Spjegat aktar car illi kienu sejrin lejn Fra Ben.

Iddeskriviet l-incident hekk:

“*Konna ghaddejin u kien hemm zewg gruppi ta’ nies qed jaqsmu u l-ewwel grupp lahaq ghadda u t-tieni grupp waqaf fin-nofs, u kien hemm mara baqghet hierga naqra iktar mill-ohrajn u lqattniha.*” (folio 59).

Ikkonfermat illi baqghu sejrin u li danni l-karozza kellha fil-windscreen, kif ukoll li l-karozza kienet misjuqa b’mod mghaggel. Tghid illi wara l-incident marru Birkirkara fejn kien joqghod Mel, illi hi marret id-dar bil-mixi. Qalet illi din il-vetura in partikolari, cioe’ l-Mitsubishi, involuta fl-incident, maghha Mel kien uzaha darba.

Ikkonfermat illi cemplu lil Ryan u li dawn meta wasal hdejhom - hu u Mel, bdew jiftehmu bejniethom x’kienu ser jghidu lil missieru – illi nsterqitlu l-karozza.

Mistoqsiija kif spiccat miksura skont Mel u Ryan il-windscreen, xehdet illi qalu li kienu dahlu gol-hajt.

Dwar il-grupp ta’ nies jaqsam, ikkonfermat illi dawn kienu qeghdin jaqsmu minn naha tal-bahar ghal faccata l-Qawra Palace. Tghid illi dawn rathom nofs it-tul tal-Awla 7 qabel l-incident, u li kienu waslu sa nofs it-triq. Qalet illi waqfu fin-nofs u li l-mara baqghet hierga.

Ziedet illi wara l-incident ma kinux jafu x'ser jaqbdu jaghmlu, indunat illi kienu laqtu lil xi hadd, illi kienet mara. Ziedet illi kien Ryan illi hareg bil-pjan illi jghidu li nsterqet il-karozza.

Ikkonfermat f'xhieda aktar tard f'dawn il-proceduri, illi Mel u Ryan kienu ftehmu bejniethom kif kienu ser jehilsu mill-karozza.

Ikkonfermat illi meta fil-bidu marru ghall-karozza l-boathouse, qabel l-incident, missieru qallu biex isuq bil-mod.

**Ryan Micallef** xehed, moghti anke d-debita twissija. Ikkonferma illi kien jaf lil Mel Spiteri. Ikkonferma li fis-26 ta' Gunju, 2011, marru hbieb jieklu flimkien, u li wara aktar tard hu u Mel Spiteri ltaqghu Birkirkara. Ikkonferma li hemm kien hemm Elisa. Ikkonferma li Mel kellu karozza griza, Mitsubishi.

Giet moqrija lilu x-xhieda li ta fl-Inkjesta (dan jibqa' dejjem bla pregudizzju tad-dritt against self-incrimination). Ikkonferma hawn illi kien qal lil Victor – missier l-imputat, illi lil Mel kienu serqulu l-karozza.

Xehdu wkoll diversi pulizija nvoluti kemm fl-investigazzjoni dwar l-incident tal-Qawra, u dawk relatati mas-sejba tal-vettura nvoluta fih.

**PS 159 Ivan Mifsud** ukoll xehed illi mar il-Qawra fuq il-post tal-incident stradali, fejn ikkonstata mara minxura mal-art, ftit 'il boghod minnha kien hemm parti minn mohhha, kienet nofsha mnezza'. Spjega li ra wkoll diversi debris u titjir ta' demm fuq karozzi li kienu quddiem ir-reception tal-Qawra Palace Hotel.

Qal ukoll illi mill-point of impact sal-ewwel pedestrian crossing l-aktar vicin kien hemm sebgha u sebghin (77) metrtu (folio 161).

Zied illi t-triq kienet mimlija tessuti umani, ezebixxa l-PIRS report bhala Dok IM a folio 164.

Pulizija ohra xehdu dwar is-sejba tal-vettura Mitsubishi.

**PC 321 Alan Lagrasta** u **PC 169 Victor Jones**.

Ghalhekk **Lagrasta** meta wara nformazzjoni acceda fi Triq Seracino Inglott, Iklin, sab vettura Mitsubishi FTO050 li kellha hsara konsiderevoli fuq il-windscreen u n-naha tal-lemin. Irrizultalu li kienet registrata fuq certu Victor Spiteri. Jghid illi fil-fatt huwa pproceda ghall-arrest ta' Spiteri.

**Jones** minn naha tieghu kien akkumpanja lis-Surgent fuq din l-investigazzjoni.

Telghu jixhdu wkoll, in rapprezentanza tal-Malta Transport, **Brian Farrugia** u **Robert Vassallo**.

**Farrugia** xehed illi Mel Spiteri (l-imputat) kellu vettura registrata fuq ismu bin-numru tar-registrazzjoni EBB592 Nissan Sunny. Ma kellu ebda tip ta' licenzja tas-sewqan (xhieda tal-24 ta' Awwissu, 2011). Ezebixxa d-dokument BF dwar din l-informazzjoni.

Maghluqa l-provi tal-Prosekuzzjoni, kif gia' inghad gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali u nghata l-kunsens ghal proceduri sommarji.

Intalab mid-Difiza u konsegwentement gie redatt, Social Inquiry Report mill-**Ufficjal tal-Probation Charisse Briffa** (Dok CB folio 365).

Ikkonkludiet fl-ahhar paragrafu hekk:

"*Madankollu, ghandu jigi nnutat illi Mel Spiteri dejjem attenda ghall-appuntamenti li nghatawlu gewwa l-Ufficju tad-Dipartiment tal-Probation u Parole u dejjem wera koperazzjoni mal-istess ufficjal. Fil-prezent jidher illi l-imputat qed jghix hajja strutturata fejn qieghed jahdem f'impjieg stabbli u ilu f'relazzjoni mas*-siehba tieghu *u qieghed jipprova jahdem fuq certi ghanijiet li ghandu ghall-futur*."

Gie hemm ukoll sottolineat - cioe' f'dan ir-rapport, illi t-tifla tal-vittma kienet dispjacuta ghall-fatt illi l-imputat baqa' qatt ma ammetta htijietu.

Ma tressqu ebda provi ohra in difesa.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti specie ta' dan il-kaz huma cari u cari rrizultaw. Mel Spiteri ha l-karozza Mitsubishi ta' missieru meta ma kellu ebda licenzja tas-sewqan. Hu u ghaddej mit-triq tal-Qawra Palace Hotel, bi speed eccessiv, tajjar u qatel lil Elizabeth Wilhems. Baqa' sejjer. Wara, flimkien ma' siehbu Ryan, ivvinta skuza li l-vettura kienet giet misruqa, abbanduna l-istess l-Iklin fejn eventwalment giet misjuba.

Dan kollu jirrizulta ben pruvat mill-provi prodotti.

Jirrizulta wkoll lill-Qorti, u hawn il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-aktar speed konservattiv a favur l-imputat (kif wasal ghalih l-espert Mario Buttigieg), li hu kien qieghed isuq b'velocita' ta' mitt (100) kilometru fis-siegha. Eliza Panzavecchia li kienet mieghu fil-vettura

waqt l-incident qalet illi l-speed kien mghaggel. L-imputat jghid fl-istqarrija illi kien qieghed jaghmel speed ta' bejn hamsin (50) u sittin (60) kilometru. Minn naha l-ohra, xhud totalment indipendenti – Brian Joseph Mortimer, jaqbel ma' dak illi xehed ir-ragel tal-mejta dwar l-speed gholi li kienet qed tigi misjuqa bih il-vettura, meta jghid li karozza kienet gejja b'high speed (folio 29). Jiddeskrivi l-velocita' tal-vettura bhala "eratic speed" "*……the speed it was going, it made you stop for a minute.*" (folio 38)

Zewg il-mejta Maurice Wilhems minn naha tieghu xehed illi hu meta gie biex jaqsam ma ra ebda vettura. Ra biss x'hin waslu f'nofs ta' triq dawl, headlights gejjin fuqu f'daqqa, imbaghad l-impatt.

Il-Qorti, barra l-konkluzjoni peritali ta' Dr Buttigieg dwar il-velocita' u x-xhieda prodotti, hadet in konsiderazzjoni r-ritratti ezebiti l-pjanta ezebita mar-relazzjoni ta' Vincent Ciliberti, li turi anke d-distanza li giet imtajra Elizabeth Wilhems bl-impatt, xejn anqas minn tmienja u tletin (38) metru. Ikkunsidrat ukoll it-tifrix ta' human tissue fit-triq, vide anke ritratti ezebiti. Illi *detto tutto cio'*, Hija l-fehma Taghha li l-speed ta' Mel Spiteri kien ferm aktar gholi minn dak minnu ammess, u ghalhekk ma tistax ma tatix raguni lill-espert Mario Buttigieg fil-konkluzjonijiet tieghu.

Illi daqstant iehor Hija konvinta u certa l-Qorti, illi l-griehi kbar u koroh li sofriet il-mejta kienu rizultat ta' dan l-impatt. Bizzejjed wiehed iqis illi bid-daqqa mohh Elizabeth Wilhems inqala' minn rasha u spicca metri 'l boghod minn gisimha!

Mela certament jezisti n-ness li trid il-Ligi bejn l-azzjoni tas-sewwieq u l-kagun tal-mewt!

Issa, in ezami tar-reat tal-omicidju nvolontarju addebitat, il-Qorti ser taghmel ampja referenza ghad-decizjoni moghtija mill-Qorti tal-

Appell Kriminali fl-ismijiet "*Il-Pulizija vs Tarcisio Fenech*" deciza nhar is-26 ta' Marzu, 1998, per Imhallef Dr Vinent DeGaetano:

"*Din il-Qorti diga' kellha l-opportunita' li tezamina fil-fond in-natura u l-elementi tar-reat ta' omicidju nvolontarju fis-sentenza taghha tal-21 ta' Marzu, 1996 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Richard Grech. F'dik is-sentenza din il-Qorti kienet osservat hekk:*

*"L-omicidju kolpuz hu trattat fil-Ligi taghna fl-Artikolu 225 tal-Kodici Kriminali, ga' l-Artikolu 239 fl-Edizzjoni tal-1942 ta' dak il-Kodici. Fis-sentenza taghha tal-4 ta' Frar, 1961, fl-ismijiet Il-Pulizija vs Perit Louis Portelli, il-Qorti Kriminali sedenti l-kompjant Imhallef Joseph Flores, kienet esprimiet ruhha f'dan il-mod a rigward ta' dan ir-reat:*

*"Hu mehtieg ghall-kostituzzjoni tar-reat involontarju skont l-Artikolu 239 tal-Kodici Penali, illi tirrikorri kondotta volontarja negligenti – konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb ("imprudenza"), traskuragni ("negligenza") jew ta' hila ("imperizja") fl-arti jew professjoni jew konsistenti specifikament f'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti – li tkun segwita, b'ness ta' kawzalita', minn event dannuz involontarju. Ghandu jigi premess illi, ghall-accertament tal-htija minhabba f'kondotta negligent, ghandu jsir il-konfront tal-kondotta effettivament adoperata ma' dik ta' persuna li s-sapjenza rumana identifikat mal-"bonus pater familias", dik il-kondotta, cioe' li fil-kaz konkret kienet tigi uzata minn persuna ta' intelligenza, diligenza u sensibilita' normali, kriterju dan li filwaqt li jservi ta' gwida oggettiva ghall-gudikant, ihallih fl-istess hin liberu li jivvaluta d-diligenza tal-kaz "konkret" (Kollez. Deciz. Vol XLV.IV.870, 903 enfasi ta' din il-Qorti);*

*Kif jispjega l-gurista Taljan Francesco Antolisei, biex wiehed jifhem l-essenza vera tal-kolpa wiehed irid izomm f'mohhu li fil-hajja socjali spiss jinholqu sitwazzjonijiet li fihom attivita' diretta ghal xi fini partikolari tista' taghti lok ghal konsegwenzi dannuzi lil terzi. L-esperjenza komuni ghall-bnedmin kollha jew dik l-esperjenza ta' kategorija ta' nies li jesplikaw attivita' partikolari – tghallem li*

*f'dawn il-kazijiet wiehed ghandu certi prekawzjonijiet bil-ghan illi jevita' li l-interessi tal-ohrajn jigu pregudikati:*

*"Sorgono per tal modo", ikompli dan l-awtur, "delle regole di condotta. Spesso si tratta di semplici usi sociali, come, per es., quello per cui il possessore di un'arma da fuoco e' tenuto a scaricarla quando la depone in un luogo frequentato. Non poche volte interviene lo Stato od altra autorita' pubbliica o private a fissure queste regole, disciplinando determinate attivita', piu' o meno pericolose, in modo da prevenire, per quanto e' possible, conseguenze nocive per i terzi….Il reato colposo nasce sempre e soltanto dall'inosservanza di talune delle norme indicate. L'infrazione giustifica nei confronti dell'agente un rimprovero di leggerezza. Il giudice dice all'imputato: tu non sei stato cauto e diligente come avresti dovuto. Il rimprovero, cosi formulato e' la conseguenza caratteristica del reato colposo, perche' nel reato doloso il giudice rimprovera al reo di aver volute il fatto proibito, mentre nel fatto incolpevole (il c.d. caso fortuito) nessun biasino puo' mouversi all'agente. Riteniamo, pertanto, che l'essenza della colpa debba ravvisarsi nella inosservanza di norme sancite dagli usi o espressamente prescritte dale autorita' alla scopo di prevenire eventi dannosi" (Antolisei, F. Manuele di Diritto Penale, Parte Generale, Giuffre' (Milano), 1989, pp. 322 – 323);*

*Din il-Qorti taqbel perfettament ma' din l-esposizzjoni. Infatti, l-Artikolu 225 tal-Kodici Kriminali taghna jirreferi ghar-regoli ta' kondotta derivati mill-esperjenza komuni jew teknika bil-kliem "nuqqas ta' hsieb"; "traskuragni", u "nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni", filwaqt li dawk ir-regoli ta' kondotta statutorjament stabbiliti huma ndikati bil-kliem "nuqqas ta' tharis ta' regolamenti". Hu appena necessarju jinghad illi b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti l-legislatur mhux qed jirreferi biss ghal legislazzjoni sussidjarja (li tigi fis-sehh permezz ta' avvizi legali, notifikazzjonijiet tal-Gvern, ordnijiet ecc.), izda ghal kull forma ta' kondotta statutorjament stabbilita, u ghalhekk qed jirreferi ukoll ghal dawk ir-regolamenti promulgate minn enti privati (per ez. ir-regolamenti mfassla minn sid ta' fabbrika biex jipprevjeni hsara ghal kull min jahdem jew jidhol f'dik il-fabbrika). Infatti, kemm fil-Codice Zanardelli kif ukoll fil-*

*Codice Rocco, l-espressjoni uzata hi "inosservanza di leggi, regolamenti, ordini o discipline". Il-Qorti tikkonkludi fuq dan il-punt billi tissottolinea li anke fil-kaz ta' nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, l-essenza tal-kolpa hi l-istess bhala fil-kaz ta' nuqqas ta' hsieb, traskuragni, jew imperizja. In-nuqqas ta' inosservanza ta' regoli stabbiliti minn xi awtorita' ghat-tharis ta' terzi tammonta ghal negligenza jew imprudenza, il-ghaliex huwa certament imprudent jew negligent mhux biss min jittraskura li jiehu dawk il-prekawzjonijiet indikati mill-esperjenza ordinajra tal-hajja, izda wkoll min jittraskura li josserva dawk il-prekawzjonijiet specifikatament preskritti minn xi awtorita';*

*U din il-Qorti, f'dik il-kawza kompliet hekk:*

*"Kif jispjega l-gurista Francesco Carfora (Digesto Italiano, Vol. 7 Parte 2, Colpa (materia penale), Diritto Vigente, p. 775), jekk il-prudenza tikkonsisti filli persuna taghmel dak illi hu ragonevolment mistenni minnha sabiex tipprevjeni l-konsegwenzi dannuzi ta' ghemilha, l-imprudenza, li hi n-negazzjoni ta' din il-virtu', tikkonsisti fili wiehed jaghmel avventatament dawk l-affarijiet li hu messu ppreveda li setghu jikkagunaw hsara. It-traskuragni, mill-banda l-ohra, timplika certa non-kuranza, certu abbandun kemm intellettiv kif ukoll materjali. Fiz-zewg kazijiet, pero, il-hsara tkun prevedibbli ghalkemm mhux prevvista, kieku kienet ukoll prevvista, wiehed ikun qieghed fil-kamp doluz b'applikazzjoni tad-dottrina tal-intenzjoni pozittiva indiretta.*"

Ir-reat ikkontemplat fl-Artikolu 225 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra hekk:

"*225. (1) Kull min, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, jikkaġuna l-mewt ta' xi ħadd, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn erba' snin jew*

*multa mhux iżjed minn ħdax-il elf sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (11,646.87).*

*(2) Meta min ikkommetta r-reat ikun kkaġuna l-mewt ta' iżjed minn persuna waħda jew meta flimkien mal-mewt ta' persuna jkun ikkaġuna ukoll offiża fuq il-persuna ta' xi persuna jew persuni oħra l-piena għandha tkun dik ta' priġunerija bejn ħames sa għaxar snin.*"

Il-Qorti, fuq il-fatti gia' esposti, tqis illi l-imputat kien ferm nonkuranti, traskurat, negligenti u nonosservanti tar-regolamenti li jirrigolaw is-sewqan, meta bi speed ghal kollox eccessiv tajjar lil Elizabeth Wilhems.

Hawn ovvjament ghadna fil-kamp tal-"*culpa*" a differenza tad-"*dolo*", kif espost fis-sentenza appena citata.

Issa d-Difiza ghamlet kapital mill-fatt illi l-konjugi Wilhems qasmu minn naha tal-bahar ghall-lukanda faccata bla ma rrikorrew ghall-uzu ta' pedestrian crossing.

Spjega Maurice Wilhems illi dak il-hin tal-lejl ghalih ma kinx hemm daqstant karozzi li kien jimpedixxi li huma jaqsmu minghajr ebda periklu.

Hawn il-Qorti ser taghmel referenza ghal decizjoni ohra tal-Qorti taghna moghtija mill-Imhallef Dr Harding fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Wisq Nobbli Markiz Anthony Cassar Desain" ,deciza nhar id-19 ta' Jannar, 1962, fejn il-Qorti ccitat lil Andrew Dewar Gibb "Trial of Motor Accidents Cases":

"*Il-posizzjoni ghalhekk tista' tigi kristallizzata f'dawn il-kliem tal-istess awturi (Gibb), ...It often happens that the motorist does not see the pedestrian until he is close upon him and there is no time to do anything to avert the collision. In such a case, it is necessary to know whose fault it was that the pedestrian was not observed sooner. It may be the fault of either the pedestrian or the motorist, and the liability will vary accordingly. The driver of the car may be negligent because of his failure to see the pedestrian as soon as he should, but on the other hand, the fault is often with the pedestrian, as where he suddenly and unexpectedly jumps in front of the car.*"

Isegwi ghalhekk, illi l-azzjoin tal-pedone trid tkun verament ikkontribwixxiet biex isehh l-incident biex jigi skulpat in toto jew in parte is-sewwieq.

Issa verament jirrizulta illi l-konjugi Wilhems ghazlu li jaqsmu minn faccata tal-lukanda minflok uzaw zebra crossing li kien aktar 'l isfel – sebgha u sebghin (77) metru 'l boghod skont ix-xhieda ta' PS 159.

L-imputat qal illi ma rahomx qabel. Jghid fl-istqarrija li hargu grupp ta' nies minn wara l-karozzi biex jaqsmu, pero ezatt wara jghid li ma rahomx. Elisa Panzavecchia fil-fatt tghid illi rat grupp ta' nies jaqsmu.

Temmen fil-fatt il-Qorti li l-speed tal-imputat tant kien gholi li hu ma kellux cans fil-fatt, kif ra lin-nies jaqsmu, jieqaf. Dawn fil-fatt kienu f'nofs ta' triq ghax minn hawn ittajret il-mara. Mhux kaz dan kif gia pre-espost f'dak citat illi hu gie mahsud. A kontrarju temmen il-Qorti li l-konjugi qasmu ghax x'hin harsu ma rawx karozzi gejjin, pero l-velocita' li giet biha l-vettura fuqhom, tant kienet wahda elevata li hasdithom f'nofs ta' triq.

Biex tkompli ma' dak gia' espost fis-sentenza hawn fuq citatata ta' Tarcisio Fenech dwar it-teorija ta' prevedibilita', ghax l-incident ghal min qieghed isuq b'tali velicita' kien prevedibbli fi triq kollha turisti,

lukandi, bars, restaurants u anke residenti, ticcita lil Giuseppe Santaniello li jghid hekk dwar ir-reat in ezami:

"*E' colposo o contro l'intenzione, quando l'evento anche' se prevedibile non e' volute dall'agente a si verifica a causa di negligenza o imprudenza o imperizia ovvero pero inosservanza di leggi, regolamenti, ordini e discipline. Nel reato colposo e' volontaria la condotta del soggetto agente: mentre non e' volute l'evento.*" (Manuale di Diritto Penale)

Illi ghalhekk, tenut dan kollu premess, issib lil Mel Spiteri hati ai termini tal-Artikolu 225 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Issib ukoll htija ai termini tal-Artikolu 15 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, in kwantu tqis is-sewqan ta' Mel Spiteri wiehed mhux biss traskurat u bla kont, imma ghal kollox perikoluz, dan pero assorbit f'dak gia' espost fl-Artikolu 225 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan barra li kien qieghed isuq bla ma kellu licenzja tas-sewqan;

Issib ukoll htija ai termini tar-Regolament 67(1)(5) tal-Avviz Legali 65.11, talli Mel Spiteri naqas li jieqaf wara l-incident, u anke javza bih; ukoll tal-Artikolu 127 tal-istess Avviz Legali minhabba l-velocita';

Pero tilliberah minn dak stipulat fl-Artikolu 89(1) tal-imsemmi Avviz Legali in kwantu ma jirrizulta ebda sinjali fit-triq kif trid hawn il-Ligi;

Isegwi wkoll, gialadarba l-imputat ma kinx licenzjat u barra minn dan ma ngabet ebda prova minnu (sal-grad tal-probabbli (Art 3(1)(A) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta) illi hu ma kinx kopert polza ta' assigurazzjoni, ghalhekk hati tal-Artikolu 3(1) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta.

Sa hawn il-Qorti kienet qed tikkonsidra r-reat emanti mill-"*culpa*" cioe' dawk koncernanti l-involontarju principalment, u dawk taht il-Ligijiet tat-Traffiku u Assigurazzjoni.

Ir-reat l-iehor addeibtat lil Mel Spiteri issa jaqa' fil-kamp tad-dolo, ghalhekk reat li jsir bi hsieb volontarju. Dan allura pjanat u intenzjonat. Spiteri gie akkuzat bl-addebitu tar-reat misjub fl-Artikolu 110(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jaqra:

"

*110(2)* *Kull min jiddenunzja lill-Pulizija Eżekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq joħloq it-traċċi ta' reat b'mod li jistgħu jinbdew proċeduri kriminali sabiex jiżguraw li dak ir-reat kien sar, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux aktar minn sena.*"

Mel Spiteri ma siehbu Ryan iddecidew u dan irrizulta ben pruvat illi joholqu u jivvintaw reat ta' serq ta' vettura biex josturaw l-incident stradali, tant illi abbanduna l-vettura l-Iklin, issa bil-pretensjoni li giet misruqa u anke nflingew fuqha aktar ksur, biex tissahhah skondthom it-tezi tas-serqa. Ammetta fil-fatt illi kisser il-hgiega tan-naha tax-xufier, b'daqqa ta'ponn, biex b'hekk igibha li serqulu l-karozza (ara stqarrija tieghu a folio 309). Zied illi anke qal lil ommu li kienu serqulu l-karozza. Mela b'azzjonietu Mel Spiteri ghamel dak prospettat fit-tieni parti tar-reat in dezamina u cioe' b'qerq holoq tracci ta' reat b'mod li setghu jinbdew proceduri kriminali.

Fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Thomas Sapienza" mill-Imhallef Harding tas-27 ta' Gunju, 1959, il-Qorti tal-Appell Kriminali qal hekk dwar dan ir-reat trattandosi ta' simulazzjoni reali indiretta (a distinsjoni ta' dik verbali allura diretta) *"……..jinhtieg ghall-finijiet ta' simulazzjoni reali li t-tracci jigu realment u materjalment kreati. Hekk il-Piccioni Cod. Pen. Toscano Illustrato, VIII p. 308 citat mill-Crivalleri, Cod Pen Vol VI Art 211 p. 417 u mill-Maino. Loc. Cit. para. 108 jghid:*

"*Nella seconda sottospecie basta che latuno volendo, ad esempio, far credere di aver sofferto un furto, rompa, serrami, lasci una scala, sul muro u una falsa chiave in una serratura, o mette in disordine la sua abitazione e lasci dei segnali da rendere credibile il reato simulato in modo di impegnare l'autorita' competente a procedure agli atti costituenti il material o lo speciale del malefizio simulato.*"

Ghadaqstant din il-Qorti, tqis illi huwa wkoll hati ai termini tal-Artikolu 110(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ukoll it-trattazzjonijiet dwar il-piena.

Ikkunsidrat ukoll dak li ntqal fis-Social Inquiry Report. Hasbet fit-tul il-Qorti x'ghandha tkun il-piena idonea, anke ghaliex l-impatt li qatel lil Elizabeth Wilhems, tant kien kbir illi juri verament x'perikllu kien qed jikkostitwixxi Spiteri bis-sewqan tieghu – ghandu wiehed jiftakar barra l-griehi orrendi li sofriet din il-mara li ntefghet tlieta u tmenin (38) metru 'l boghod mill-*point of impact*!!

Issa Spiteri volontarjament, ghazel li ma jiqafx u ma jaghti l-ebda assistenza. Volontarjament anke krea simulazzjoni ta' reat. L-inokuranza tieghu ghall-fatt illi hu wegga' u tajjar lil xi hadd hija dispregevoli, u ghall-Qorti non basta d-dispjacir tal-akkudut xott xott li gie registrat mid-Difiza f'isem l-imputat.

Ghaldaqstant dwar il-piena, wara li rat l-Artikoli li tieghu nstab hati, u cioe':

L-Artikolu 225 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

L-Artikolu 15 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;

L-Artikoli 67(1)(5) u 125 tal-Avviz Legali 65.11;

L-Artikolu 3, 3(1B)(2)(2A) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta’ Malta;

L-Artikolu 110(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

L-Artikoli 17, 23, 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’Malta.

Tikkundanna lil Mel Spiteri ghal piena karcerarja effettiva ta’ sentejn (2) u ghal multa ta’ elfejn tliet mija u tletin Ewro (€2,330).

Tikkundannah ukoll ghal skwalifika ta’ kull licenzja tas-sewqan, u dan ghal perjodu ta’ sena (1) mill-lum.

Rat ukoll l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’Malta, u tikkundannah ihallas l-ispejjez peritali ammontanti ghal tliet elef disa’ mija u disgha u disghin Ewro u sebgha u tmenin centezmu (€3,999.87).

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------